

31975L0321

L 147/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.6.1975

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Mejju

1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-apparat ta' l-isteering ta' tratturi bir-roti ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija

(75/321/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 ta' l-istess;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-ħtiġijiet tekniċi li għandhom ikunu konformi magħhom it-tratturi skond il-liġijiet nazzjonali għandhom x'jaqsmu, inter alia, ma' l-apparat ta' l-isteering;

Billi dawn il-ħtiġijiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġijiet jew b'żieda ma' inkella minflok ir-regoli eżistenti tagħhom sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ⁽³⁾ ta' l-4 Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija biex tiġi applikata fir-rigward ta' kull tip ta' trattur,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. "Trattur ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija" tfisser kull vettura bil-mutur attrezzata b'roti jew ċineġ ta' madwar ir-roti u li jkollha mill-inqas żewġ fwies, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun fis-saħħa tal-ġbid u li hija ddisinjata b'mod speċjali biex tiġbed, timbotta, iġġorr jew tagħti l-enerġija lil ċerti għodod, makkinarju jew trejlers maħsuba għall-użu fl-agrikoltura jew fil-foresti. Tista' tkun attrezzata biex iġġorr tagħbija u passiġġieri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal tratturi definiti fil-paragrafu preċedenti li huma attrezzati b'tajers pneumatici u li għandhom żewġ fwies u ddisinjati għal veloċità massima ta' bejn 6 u 25 kilometru fis-siegħa.

Artikolu 2

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' trattur għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-apparat ta' l-isteering jekk dan jissodisfa l-ħtiġijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jip-projbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz, jew l-użu ta' tratturi għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-apparat ta' l-isteering jekk dan jissodisfa l-ħtiġijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 4

L-emendi neċessarji biex jiġu adattati l-ħtiġijiet ta' l-Anness għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnu-fih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test u d-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Mejju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

R. RYAN

⁽¹⁾ ĠU Ċ 160, 18.12.1969, p. 29.

⁽²⁾ ĠU Ċ 48, 16.4.1969, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 84, 28.3.1974, p. 10.

ANNEX

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. **“Apparat ta' l-isteering”**

“Apparat ta' l-isteering” tfisser l-apparat kollu li l-għan tiegħu hu li jbidel id-direzzjoni tal-moviment tat-trattur.

L-apparat ta' l-isteering jista' jiġi meqjus li jinkludi:

- l-kontroll ta' l-isteering;
- it-tagħmir ta' l-isteering;
- ir-roti misjuqa;
- fejn ikun applikabbli, l-apparat speċjali biex tiġi prodotta saħħa addizzjonali jew indipendenti.

1.1.1. **“Il-kontroll ta' l-isteering”**

“Il-kontroll ta' l-isteering” tfisser il-parti mħaddma direttament mis-sewwieq sabiex isug it-trattur.

1.1.2. **“It-tagħmir ta' l-isteering”**

“It-tagħmir ta' l-isteering” tfisser il-komponenti kollha bejn il-kontroll ta' l-isteering u r-roti misjuqa, bl-eċċezzjoni ta' l-apparat speċjali msemmija f'1.1.4. It-tagħmir ta' l-isteering jista' jkun mekkaniku, idrawliku, pnevmatiku, ta' l-elettriku jew taħlita ta' dawn.

1.1.3. **“Ir-roti misjuqa”**

“Ir-roti misjuqa” tfisser:

- ir-roti li l-allinjament tagħhom jista' jiġi mibdul direttament jew indirettament b'rabta ma' dak tat-trattur sabiex tinkiseb bidla fid-direzzjoni tal-moviment tat-trattur;
- ir-roti kollha ta' tratturi artikulati;
- ir-roti fuq l-istess fus, li l-veloċità tagħhom tista' tiġi varjata sabiex tinkiseb bidla fid-direzzjoni tal-moviment tat-trattur.

Roti żgħar *self-tracking* m'humiex rotu misjuqa.

1.1.4. **“Apparat speċjali”**

“Apparat speċjali” tfisser dik il-parti ta' l-apparat ta' l-isteering li bih tiġi prodotta saħħa addizzjonali jew indipendenti. Saħħa addizzjonali jew indipendenti tista' tiġi prodotta b'kull sistema mekkanika, idrawlika, pnevmatika jew elettrika, jew b'kull taħlita ta' dawn (per eżempju permezz ta' pompa taż-żejt, pompa ta' l-arja jew batterija, eċċ.).

1.2. **“Tipi differenti ta' apparat ta' l-isteering”**

1.2.1. Jiddependi minn fejn ikun ġej is-sors tas-saħħa meħtieġa biex tinbidel id-direzzjoni tar-roti misjuqa, is-segwenti tipi ta' apparat ta' l-isteering huma identifikati:

1.2.1.1. Apparat ta' l-isteering manwali, fejn is-saħħa ta' l-isteering hija pprovduta biss mis-saħħa muskolari tas-sewwieq;

- 1.2.1.2. Apparat ta' *l-isteering* assistit, fejn is-saħħa ta' *l-isteering* hija pprovduta kemm mis-saħħa muskolari tas-sewwieq kif ukoll mill-apparat speċjali li ssir riferenza għalih f'1.1.4;

Apparat ta' *l-isteering* fejn is-saħħa ta' *l-isteering* hija normalment ipprovduta biss mill-apparat speċjali li ssir riferenza għalih f'1.1.4, iżda li f'każ ta' ħsara fl-apparat speċjali jippermetti li s-saħħa muskolari tas-sewwieq tintuża għas-sewqan, għandu jiġi meqjus bħala "apparat ta' *l-isteering* assistit".

- 1.2.1.3. Apparat *servo-steering*, fejn is-saħħa ta' *l-isteering* hija pprovduta biss mill-apparat speċjali li ssir riferenza għalih f'1.1.4.

1.3. **Sforz ta' *l-isteering***

"L-isforz ta' *l-isteering*" tfisser il-forza użata mis-sewwieq fuq il-kontroll ta' *l-isteering* sabiex isjuq it-trattur.

2. KOSTRUZZJONI, IMMUNTAR U HTIĠIJJET TA' SPEZZJONI

2.1. **Ħtiġijiet ġenerali**

- 2.1.1. L-apparat ta' *l-isteering* għandu jiżgura l-immaniġġjar faċli u mingħajr perikolu tat-trattur u għandu jkun konformi mal-ħtiġijiet dettaljati stipulati f'2.2.

2.2. **Ħtiġijiet dettaljati**

2.2.1. *Kontroll ta' l-isteering*

- 2.2.1.1. Il-kontroll ta' *l-isteering* għandu jkun faċli biex jintuża u jinqabad. Għandu jkun iddisenjat b'tali mod li jippermetti diflezzjoni gradwali. Id-direzzjoni tal-moviment tal-kontroll ta' *l-isteering* għandha tikkorrispondi mal-bidla mixtieqa fid-direzzjoni tat-trattur.

- 2.2.1.2. L-isforz ta' *l-isteering* meħtieġ sabiex tinkiseb dawra tonda b'radju ta' 12 m, li tibda mill-pożizzjoni eżatt faċċata, m'għandux jeċċedi l-25 daN. Fil-każ ta' apparat ta' *l-isteering* assistit, jekk il-provvista ta' saħħa awżiljari ma taħdimx l-isforz ta' *l-isteering* meħtieġ m'għandux jeċċedi s-60 dan.

- 2.2.1.3. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġijiet f'2.2.1.2, it-trattur għandu jiddeskrivi moviment spirali b'veloċità ta' 10 kilometri fis-siegħa, li tibda mill-pożizzjoni eżatt faċċata, fuq wiċċ ta' triq xott, ċatt li joffri adeżjoni tajba għat-tajers. L-isforz ta' *l-isteering* fuq il-kontroll ta' *l-isteering* għandu jiġi nnotat sakemm jilħaq il-pożizzjoni li tikkorrispondi mad-dħul tat-trattur f'dawra tonda b'radju ta' 12 m. Id-dewmien tal-manuvra (ħin bejn il-mument meta l-kontroll ta' *l-isteering* jiġi mħaddem għall-ewwel darba u l-mument meta jilħaq il-pożizzjoni fejn jittieħdu l-qisien) m'għandux jeċċedi l-ħames sekondi f'każijiet normali u t-tmien sekondi jekk l-apparat speċjali ma jaħdimx. Għandha ssir manuvra waħda lejn ix-xellug u oħra lejn il-lemin.

Għall-eżami, t-trattur għandu jkun mgħobbi sal-piż massimu tiegħu teknikament permiss; il-pessjoni tat-tajers u t-tqassim tal-piż bejn il-fwies għandhom ikunu skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

2.2.2. *It-tagħmir ta' l-isteering*

- 2.2.2.1. L-apparat ta' *l-isteering* ma jistax jinkludi tagħmir ta' *l-isteering* ta' l-elettriku jew pneumatiku għal kollox.

- 2.2.2.2. It-tagħmir ta' *l-isteering* għandu jkun hekk iddisenjat li jissodisfa l-ħtiġijiet kollha ta' l-operazzjonijiet. Għandu jkun faċilment aċċessibbli għall-manutenzjoni u spezzjoni.

- 2.2.2.3. Fil-każ ta' tagħmir ta' *l-isteering* li ma jkunx kollu idrawliku, għandu jkun possibbli li t-trattur jiġi misjuq anke fil-każ li ma jaħdimx il-komponenti idrawliċi jew pnewatiċi tat-tagħmir ta' *l-isteering*

- 2.2.2.4. It-tagħmir ta' l-*steering* li jkun imħaddem purament b'mod idrawliku u l-apparat speċjali msemmi f'1.1.4, għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:
- 2.2.2.4.1. Strument wieħed jew aktar li jllimitaw il-pessjoni għandhom jiproteġu ċ-ċirkwit kollu jew parti minnu kontra pressjoni żejda;
- 2.2.2.4.2. L-apparati li jllimitaw il-pessjoni għandhom jiġu ssettjati b'mod li ma jeċċedux il-pessjoni T ekwivalenti għall-pessjoni massima ta' l-operazzjoni ddikjarata mill-manifattur
- 2.2.2.4.3. Il-karatteristiċi u d-dimensjonijiet tax-xogħol tal-pajpijiet għandhom ikunu tali li l-pajpijiet ikunu jifilħu għal erba' darbiet il-pessjoni T (permessa mill-apparati tal-limitazzjoni tal-pessjoni), u għandhom ikunu protetti f'postijiet u rranġati b'tali mod li r-riskji ta' ħsara bid-daqqiet jew interferenza jitnaqqsu għall-minimu, u r-riskji ta' ħsara minħabba li jħokku jistgħu jiġu meqjusa żgħar ħafna.
- 2.2.3. *Ir-roti misjuqa*
- 2.2.3.1. Ir-roti kollha jistgħu jkunu roti misjuqa.
- 2.2.4. *Apparat speċjali*
- 2.2.4.1. L-apparat speċjali definit f'1.1.4, użat fit-tipi ta' apparat ta' l-*steering* definit f'1.2.1.2 u 1.2.1.3, għandu jkun aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- 2.2.4.1.1. Jekk it-trattur ikun mgħammar b'apparat ta' l-*steering* assistit kif definit f'1.2.1.2, għandu jkun possibbli li jinstaq anke fil-każ li ma jaħdimx l-apparat speċjali kif ġà msemmi f'2.2.1.2. Jekk l-apparat ta' l-*steering* assistit ma jkollux sors tiegħu ta' saħħa, għandu jiġi mwaħħal miegħu tank ta' riserva ta' l-enerġija. Dan it-tank ta' riserva ta' l-enerġija jista' jinbidel minn strument indipendenti li jipprovdi provvista ta' saħħa lill-apparat ta' l-*steering* bi priorità fuq is-sistemi l-oħra li huma mqabbdha mas-sors komuni ta' enerġija. Is-sistemi ta' l-*steering* u tal-brejkijiet m'għandux ikollhom sors komuni ta' l-enerġija. Jekk is-sors ta' l-enerġija tkun arja kkompressata, it-tank ta' riserva ta' l-arja għandu jiġi protett minn valv non-return.
- Fejn l-enerġija ta' l-*steering* hija normalment ipprovduta biss mill-apparat speċjali li ssir riferenza għalih f'1.1.4, l-apparat ta' l-*steering* assistit għandu jiġi mwaħħal miegħu strument tali li jekk, f'każ li l-apparat speċjali ma jaħdimx, l-isforz ta' l-*steering* jeċċedi l-25 daN, sinjal viżwali jew akustiku għandu jagħti twissija ta' dik il-ħsara.
- 2.2.4.1.2. Jekk it-trattur ikun mgħammar b'apparat servo-*steering* kif definit f'1.2.1.3, u sakemm dak l-apparat ikollu tagħmir ta' l-*steering* kollu idrawliku, għandu jkun possibbli, f'każ ta' ħsara fl-apparat speċjali, li jkunu jistgħu jsiru ż-żewġ manuvri speċifikati f'2.2.1.3 bl-użu ta' apparat speċjali addizzjonali. L-apparat speċjali addizzjonali jista' jkun tank ta' riserva ta' l-arja kkompressata jew tal-gass. Pompa taż-żejt jew kompressur jista' jintuża bħala l-apparat speċjali addizzjonali jekk dak l-apparat jitħaddem bid-dawrien tar-roti tat-trattur u ma jistax jiġi skonness minnhom. Fil-każ ta' ħsara fl-apparat speċjali, sinjal viżwali jew akustiku għandu jagħti twissija ta' dik il-ħsara.
- 2.2.4.1.2.1. Jekk l-apparat speċjali jkun pnevmatiku, għandu jkun mgħammar b'tank ta' riserva ta' l-arja kkompressata protett minn valv non-return. Il-kapaċità tat-tank ta' riserva ta' l-arja kkompressata għandha tiġi kkalkolata sabiex mill-inqas seba' dawriet sħaħ (minn lock għal lock) ikunu possibbli qabel il-pessjoni tat-tank taqa' sa nofs il-pessjoni ta' l-operazzjoni tiegħu; l-eżami għandu jsir bir-roti misjuqa 'l fuq mill-art.